**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2024**

**Talba Nru: 357/2023MD**

**Fremond Limited (C20339)**

**Vs**

**Asen Georgiev Ivanov**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fis-26 ta' Settembru, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenut jiġi dikjarat debitur tas-soċjeta' attriċi għas-somma ta' elf, erba' mija u tnejn u għoxrin Ewro u dsatax-il ċenteżimu (€1,422.19) rappreżentanti bilanċ pendenti ta' kirja, ħames ċitazzjonijiet u danni li saru fit-*tyre* u r-rim tal-vettura mikrija lilu u sabiex jiġi ordnat iħallas l-istess somma lis-soċjeta' attriċi; bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax minn meta l-ammont sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviż, ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u lanqas ma deher għas-seduti tas-17 ta' Ottubru, 2024[2], tat-22 ta' Ottubru, 2024[3], u tal-24 ta' Ottubru, 2024[4].

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 21 tal-proċess
[3] A fol 23 tal-proċess
[4] A fol 26 tal-proċess

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2024[5] u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi għalih fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2024[6].

Sema x-xhieda ta' **Anthony Meli** fil-kariga tiegħu ta' *managing director* tas-soċjeta' attriċi fejn ikkonferma l-fattura[7] ppreżentata mat-talba u kkonferma li l-ammont għadu dovut mill-istess konvenut[8].

Ra l-fattura ppreżentata mat-talba[9].

Sema t-trattazzjoni tas-soċjeta' attriċi.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mil-fattura annessa mal-Avviż u mix-xhieda ta' Anthony Meli.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jiddikjara lil konvenut debitur tas-soċjeta' attriċi għas-somma ta' elf, erba' mija u tnejn u għoxrin Ewro u dsatax-il ċenteżimu (€1,422.19) rappreżentanti bilanċ pendenti ta' kirja, erba' ċitazzjonijiet[10] u danni li saru fit-*tyre* u r-rim tal-vettura mikrija lilu u jordna lil konvenut sabiex iħallas l-istess somma lis-soċjeta' attriċi, bl-imgħax dekorribbli mit-3 ta' Ġunju, 2023[11] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża[12] jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[5] A fol 22 tal-proċess
[6] A fol 23 tal-proċess
[7] A fol 3 tal-proċess
[8] A fol 24 et seq tal-proċess, xhieda datata 3 ta' Ottubru, 2024
[9] A fol 3 tal-proċess
[10] Skont il-fattura annessa mal-Avviż, a fol 3 et seq tal-proċess
[11] Ibid
[12] Stante li l-ittra uffiċjali u l-ittra bonarja li saret referenza għalihom ma ġewx esebiti